MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 125/2000/1

**Jeffrey Camilleri**

**vs**

**Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited (K. I. M. Limited)**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Mejju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma bilancjali ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm631.08) u dana kif dettaljatament spjegat fil-prospett anness mal-

avviz u markat Dok "JC", bilanc ta' flus dovuti lill-attur ghaz-zmien li l-attur hadem bhala "officer in charge of accounts and administration" mas-socjeta konvenuta u liema impieg tieghu gie terminat fis-6 ta' April 1999.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-14 ta' April 1999 u tat-12 ta' Gunju 1999 kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-10 t'Awissu kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness u presentat mal-istess avviz (Fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talba attrici hija ammessa limitatament ghas-somma ta' Lm67.63 (sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu).
2. Illi kwantu ghall-bilanc li qed jigi reklamat mill-attur dana mhux dovut lilu u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 46 ibid.

Ikkunsidrat

Illi mill-istess eccezzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta, jidher li din ma hiex qed tikkontesta l-ammont ta' Lm67.63 bhala dovut minnha waqt li a basi ta' prospett mahdum u sottomess mill-istess socjeta konvenuta hemm indikat illi, effettivament, il-bilanc dovut lill-konvenut jammonta ghal Lm123.67.

Ikkunsidrat

Illi l-attur in sostenn tat-talba pretiza minnu xehed (fol 12 u fol 18 u fol 40 ibid) illi hu kien beda jahdem mas-socjeta konvenuta fl-1995 fil-kariga tieghu bhala "accounts officer in charge" waqt li l-istess impjieg kien gie terminat fis-6 ta' April 1999 u dan "…. Kontra qalbi minhabba li x-xoghol kien sar insapportabbli". Fl-istess xhieda hu irrefera ghall-prospett esebit minnu stess u li jinsab a fol 2 tal-atti minn fejn jirrisulta dak pretiz minnu in konnessjoni ma "leave" ghas-snin 1997, 1998 u 1999, "bonus", paga u zieda fil-paga a basi ta' ittra mibghuta lilu fit-18 ta' Marzu 1999 (ara fol 14 ibid), mill-liema ittra jirrisulta li s-socjeta konvenuta b'effett mit-18 ta' Marzu 1999 kienet ser thallsu paga ta' Lm90 fil-gimgha. Dwar il-pretensjoni originali tieghu, hu kkonferma li kien thallas, akkont, is-somma ta' Lm500 u b'hekk kien fadal bilanc dovut lilu ammontanti ghal dak pretiz minnu fl-avviz. Ix-xhud spjega ukoll illi mill-imsemmi prospett hu kien di gja naqqas il-"period of notice" ta' erba' gimghat. Peress li f'dan il-perjodu hu ma kienx hadem hu kien naqqas "multa ta' gimghatejn paga".

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta ossija koperattiva konvenuta gie prodott Edwin Bartolo (fol 23 et seq ibid) illi spjega ghaliex qed tigi kontestata t-talba attrici u ghal dan il-ghan, b'nota a fol 37, gie esebit prospett li permezz tieghu din is-socjeta indikat illi l-attur kellu bilanc dovut lilu, mhux dak specifikat fl-eccezzjoni relattiva sottomessa minnha izda l-ammont ta' Lm123.77 punt li di gja ssemma "supra" sabiex jikkontesta dak li xehed dan ix-xhud l-attur esebixxa d-dokumenti a fol 42 sa fol 45 sabiex jsostni b'mod aktar dettaljat dak li kien specifika fil-prospett a fol 2 tal-atti. Mid-dokument a fol 43 ibid jigi notat dwar il-kwistjoni ta' 'leave' ghas-snin hemm fuq imsemmija illi l-istess attur ibbaza ruhu fuq ir-rata ta' Lm90 fil-gimgha peress li "… il-leave gie mgedded minn sena' ghall-ohra"

u “il-kumitat (tal-Koperattiva involuta) iddecieda li jgedded il-leave tieghu peress li ma kienx f’posizzjoni li jaghtini leave u ma kienx lest li jhallsu fl-ahhar tas-sena”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, din il-Qorti hi konvinta illi, fuq bazi ta’ fatt, it-talba attrici ghandha tigi akkolta kollha kemm hi invista li tidher li giet sostanzjata a basi tal-provi sottomessi mill-istess attur kemm oralment kemm permezz ta’ dokumenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-Koperattiva konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm631.08 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta’ Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri bonarji tal-14 ta’ April 1999 u tat-12 ta’ Lulju 1999 kif ukoll ta’ dik ufficjali tal-10 t’Awissu 1999.**”**

Il-Koperattiva konvenuta appellat minn din is-sentenza b’ dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti ma ghamletx analisi sew tal-provi, partikolarment in meritu ghal kontestazzjoni dwar il-granet tal-*leave* li l-attur jghid li ma hax matul is-sena 1998;

(2) Ukoll, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx sew il-kumpens ghal *leave* li ma ttiehedtx mill-attur;

Bl-ewwel difiza tieghu ghal dan l-appell, l-attur iqanqal b’ eccezzjoni l-irritwalita` tieghu. Hu jissottometti illi gjaladarba l-Koperattiva kienet ammettiet parti mill-ammont reklamat kien messha talbet ir-“riforma” tas-sentenza u mhux ir-revoka taghha. Kwantu ghall-mertu ta’ l-aggravji l-attur jirribatti illi, trattasi minn apprezzament tal-provi prodotti, din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba l-gudizzju diskrezzjonali ta’ l-ewwel Qorti dwarhom;

Fuq l-eccezzjoni sollevata ta’ l-irritwalita` hi, tista’ tghid, gurisprudenza pacifika illi “*non è censurabile la petizione solo perche invece di riforma si domanda la revoca di una sentenza … perche nella domanda per la revoca è inclusa quella per la riforma della sentenza*”. Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili tal-11 ta’ Frar, 1920 fl-ismijiet “**Salvatore Bilocca -vs- Salvatore Schembri**”, fejn ekkeggjat l-istess hsieb rifless f’ sentenza anterjuri ta’ l-istess Qorti in re: “**Xuereb -vs- Debono**”, 15 ta’ Ottubru, 1900. Fiz-zmien aktar recenti, imbaghad, l-istess Qorti kolleggjali, filwaqt li ghamlet komparizzjoni bejn l-artikolu korrispondenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Artikolu 142 (2)] u dak tal-Kodici Kriminali [Artikolu 419 (1) (c)] issoktat tirrileva illi “mill-Artikolu 143 tal-Kapitolu 12 jemergi car li l-legislatur ried ikun formalistiku mill-anqas billi stabilixxa li n-nuqqas ta’ tharis ta’ dak li hu mehtieg f’ petizzjoni ghar-revoka u petizzjoni ghar-riforma ma jaghmelx nulla l-petizzjoni” (“**Sonia mart Joseph Grech *proprio et nomine* -vs- Stephanie Manfrè**”, 14 ta’ Lulju, 1988). Ankorke l-formulazzjoni wzata hi improprja, f’ kull kaz dak id-difett ma jgibx in-nullita` ta’ l-appell imma se mai ghall-korrezzjoni tieghu. Ara “**Romina armla Zerafa -vs- Giuseppina Zerafa *et***”, Appell Civili, 30 ta’ Jannar, 1967;

Eliminat it-terren minn din l-eccezzjoni sottoposta mill-attur appellat, in relazzjoni ghall-mertu ta’ l-aggravji u tat-twegiba ghalihom il-Qorti ma tistax tonqos li tosserva li l-kontendenti jikkampaw it-tezijiet rispettivi taghhom fuq il-portata tad-dokumenti minnhom esebiti fl-atti. B’ mod generali l-Qorti jidhrilha li l-interpretazzjoni ta’ dawn id-dokumenti, ta’ naha u ta’ ohra, trid tigi inkwadrata f’ konkomitanza ma’ dawk ta’ l-elementi testimonjali tal-partijiet, in kwantu anke dawn jikkostitwixxu fonti tajba ta’ prova li trid tigi ezaminata u valutata;

Dan premess, jokkorri qabel xejn jigi registrat illi f’ kazijiet bhal dawn jaggrava dejjem fuq l-impjegat li jipprova t-telf

ta’ tgawdija tal-granet tal-*leave* li hu jallega li ma hax fil-kors ta’ l-impjieg tieghu. F’ dan il-kaz partikulari, fis-snin 1997, 1998 u 1999;

Fil-verita`, il-Koperattiva mhix lanqas qed tikkontesta d-dritt ta’ l-attur appellat ghall-indennita` ghal dak it-telf ta’ godiment tal-*leave*. Dan in effetti hu hekk rikonoxxut anke minnha. Dak li invece tikkontrasta hi l-allegazzjoni ta’ l-attur illi ghas-sena 1998 dan ma uzufruwiex ruhu minn numru ta’ granet ta’ *leave* minnu indikat. Fuq din il-kwestjoni l-Qorti hi sodisfatta mill-assjem tal-provi illi ghandha taccetta l-versjoni ta’ l-attur appellat illi hu ma hax il-granet kollha tal-*leave* (10.5) pretiz mill-Koperattiva imma, invece, jumejn biss. L-*attendance sheets* li fuqhom il-Koperattiva tirposa maggorment id-difiza taghha ma joperawx, fil-fehma tal-Qorti, l-effikacja probatorja pretiza mill-Koperattiva appellanti. Dan ghar-raguni illi fl-istess perijodu ta’ zmien l-attur kien qed jibbenefika minn *study leave* akkonsentit lilu mill-Koperattiva (ara xhieda tieghu a fol. 20) u, barra minn dan, id-dokument a fol. 44 intitolat “Leave Record 1998”, mizmum mill-Koperattiva jistabilixxi, inkonfondibilment, li fis-sena 1998 l-attur ha jumejn biss ta’ *leave* ghal liema kien intitolat. Tali dokument, fil-hsieb tal-Qorti, jaghmel prova esklussivament kontra min irredigih jew ta’ min ikun ta l-inkariku ghal daqshekk, u allura, f’ kombinazzjoni ma’ elementi indizzjarji ohra, jikkostitwixxi presunzjoni qawwija kontra l-Koperattiva u favur l-attur appellat. Dan iwassal ghar-ragunijiet premessi biex din il-Qorti ma tqisx attendibbli l-*attendance sheets* esebiti mill-Koperattiva, jew ghallanqas dawn ma jaghmlux dik il-prova konvincenti u konklussiva kif mill-istess Koperattiva prospettat. L-ewwel aggravju, ghalhekk, ma huwiex gustifikat;

Dan ma jfisserx, imbaghad, li l-Qorti qed taccetta r-rata attribwita mill-attur appellat f’ abbinament mal-granet tal-*leave* li dwarhom talab kumpens. Fir-rigward, tibda biex tafferma illi l-hlas ghal *leave* jrid jigi sostitwit b’ indennita monetarja. Il-kriterju li bih tigi kalkolata r-retribuzzjoni li trid tinghata ghandu necessarjament jiehu qies taz-zmien

li fih il-*leave* kellu jittiehed, u mhux, kif donnu pretiz mill-attur, u accettat mill-ewwel Qorti, bil-kriterju ta' l-akkumulazzjoni ta' dak il-*leave* skond ir-rata tal-paga vigenti fil-mument meta giet avvanzata l-pretensjoni. Kwestjoni din accennata u identifikata wkoll mill-Koperattiva appellanti, ankorke, forsi, mhux daqstant kjarament spjegabbli minnha;

Hekk, allura ghas-snin 1997 u 1998 il-kalkolu tal-granet (51.13 b' kollox) jew tas-sighat (409.04) kellu jkun ikkalkolat bir-rata ta' Lm1.83 fis-siegha in bazi ghal paga ta' Lm73.25 fil-gimgha. Hu biss dak ghas-sena 1999 li l-granet jew is-sighat kellhom jinhadmu bir-rata ta' Lm2.25 fis-siegha fuq paga ta' Lm90 fil-gimgha, in kwantu, fit-termini anke ta' l-ittra tat-18 ta' Marzu, 1999 (fol. 14) mibghuta mill-Koperattiva lill-attur, din l-ahhar paga kellha tkun operattiva biss mill-1 ta' Jannar, 1999. Skond l-aritmetika maghmula minn din il-Qorti, fuq il-bazi tar-rendikont ippreparat mill-attur a fol. 42, il-bilanc nett dovut lilu ghandu jkun ta' erba' mija tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm453.28), ossija fil-valuta tal-lum, elf hamsa u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€1055.86). Hu f' dan is-sens li l-Qorti ser tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi tichad ghal kollox l-ewwel aggravju. Tilqa' invece t-tieni aggravju u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi l-bilanc nett dovut lill-attur mill-Koperattiva konvenuta ghandu jkun ta' elf hamsa u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€1055.86). Fic-cirkustanzi, l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew terz (1/3) mill-attur appellat u zewg terzi (2/3) mill-Koperattiva appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------